# Il-Kor tal-Knisja tax-Xlendi (2)
# "Stella Maris"

### kitba tal-Kan. Giovanni Cremona



disinn Kan. Joseph Farrugia 1973

## Il-Kor tal-Knisja tax-Xlendi fis-Sena 1972

Is-Sena 1972 għal Kor tal-Knisja tax-Xlendi, kienet sena ta' tibdiliet radikali. Kif għedt fil-ħ arġa ta' qabel diġa kellna bidla fis-surmast tal-kor. Bidla oħra kienet fl-isem tal-Kor. Dak li kien magħruf bħala "Xlendi Choir" mis-Sena 1972 ħa l-isem tal-Kor " Stella Maris". Inbidlu wkoll il-membri tal-bidu u flokhom daħlu oħrajn bniet. Hekk il-Kor ġie iffurmat minn membri femminili biss. Kien din il-ħabta ukoll li nkiteb l-Innu għall-Festa Titulari tal-Madonna tal-Karmnu, kitba ta' Ġanninu Cremona u mużika ta' Mro. Alfred Arnold. Iżda l-akbar bidla kien ix-xogħol tat-tkabbir tal-Knisja. Il-Knisja mkabbra kienet infetħet uffiċċjalment u tbierket nhar il-Ħadd 3 ta' Settembru 1972 mill-Isqof l-ġdid t'Għawdex, Mons Nikol Cauchi. Dwar din il-ġrajja storika fil-Kronaka tal-Knisja nsibu hekk:

"Il-Kant fil-Knisja sar mill-Kor "Ulied Margerita" ta' Sannat taħt id-direzzjoni tas-sud djaknu Lorenzo Sciberras. L-Innu l-ġdid tkanta mill-kor "Stella Maris" tax-Xlendi, taħt id-direzzjoni tas-Sem. Giovanni Cremona."



Ġrajja oħra mportanti fl-istorja tal-kor tagħna kienet dik ta' nhar it-13 ta' Settembru 1972. F'dan il-jum bħala partu mill-Festi tal-Ingress Solenni tal-Isqof il-ġdid t'Għawdex, Mons Nikol Cauchi, l-Isqof l-ġdid qaddes fil-Knisja tax-Xlendi għ at-Tfal tal-Orfanatrofji t'Għawdex u wara sar party għat-Tfal fuq iz-zuntier tal-Knisja. F'din l-okkażjoni l-Kor Stella Maris" esegwa l-kant kollu meħtieġ

Mis-Sena 1972 il-Festa tal-Lejl tal-Milied fix-Xlendi bdiet issir b'mod tassew solenni. Ħafna huma n-nies minn diversi rħula t'Għawdex li kull sena jiġu ħalli magħna jgawdu din is-serata tal-Milied. Iżda jekk il-Lejl tal-Milied fix-Xlendi sar tant imsemmi u mfittex, dan nafuh biss lil-Kor tagħna. Sa minn ġimgħat qabel il-Milied, il-membri flimkien mas-Surmast jibdew jitgħallmu l-kant tal-Milied. Huma jorganizzaw il-Purċissjoni tal-Bambin. Kull sena jtellgħu pageant dwar il-Milied u jkomplu jsebbħu l-Quddiesa tal-Lejl tal-Milied bil-kant ħelu tagħhom. Kien fil-Lejl tal-Milied 1972 li l-Kor beda jkanta fl-ewwel bankijiet tal-Knisja minflok fil-Gallerija tal-Orgni.

## Matul is-Sena 1973

L-attivitajiet tal-Kor għas-sena 1973 fetħu b'Funzjoni Funebri li saret fil-Knisja tagħna għar-ruħ Dun Anton Grech Scicluna. Hekk naqraw fil-Kronaka.

"F'għeluq ix-xahar mill-mewt tas-sitt rettur Dun Anton Grech Scicluna, kellna Quddiesa Kantata ċċelebrata mir-Rettur Dun Ġużepp Curmi, u fl-aħħar inqrat Orazzjoni Funebri miktuba mis-sem. John B. Cremona. Tqassmu wkoll Santi b'tifkira ta' Dun Anton.

Okkażjoni oħra li tkompli tinseġ ġrajjiet il-Kor tagħna kienet meta l-Kor kanta fl-għeluq l-għoxrin sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tar-Rettur Dun Ġużepp Curmi fis-26 t'April 1973. Ir-Rettur f'din l-okkażjoni kien iċċelebra quddiesa Solenni ta' radd il-ħajr.

Fi Frar 1973 s-sem. Giovanni Curmi, kien ikkompona quddiesa kantata bil-malti msejħa " Missa Flos Carmeli" li kienet ġiet esegwita l-ewwel darba mill-Kor tagħna nhar is-16 ta' Lulju 1973, fil-Knisja tax-Xlendi. Imbagħad fil-Festa Titulari tal-istess sena matul it-Tridu kanta il-Kor tax-Xlendi, imma nhar il-Festa filgħaxija kanta l-Kor ta' Sannat "Ulied Margerita".

Il-Kwaranturi li saru f'Settembru. Matulhom il-Kor tagħna kiseb suċċessi kbar. Minbarra l-kant speċjali li sar, xi membri tal-kor akkumpanjaw l-orgni bil-Melodicas u l-Vjolini. Il-Kronaka tgħidilna "F'din l-okkażjoni kanta l-Kor tagħna. Barra li l-kant kien akkumpanjat mill-orgni, xi membri tal-kor daqqew il-melodicas u żewġ vjolini. Ġiet esegwita l-quddiesa "Flos Carmeli" tas-sem. John Cremona.



Wara l-attivitajiet tas-Sajf u tal-Festa Titulari jibdew dawk tal-Milied. Fil-Milied tas-Sena 1973 il-Kor ħa sehem f'Pageant Bibbliku miktub minn Dun Albert Curmi u organizza l-Purċissjoni tal-Bambin. F'dan il-Milied il-Kor deher fil-Pubbliku għall-ewwel darba b'uniformi tax-xitwa. F'din l-istess okkażjoni tkanta għall-ewwel darba l-innu tal-Kor versi tas-sem. Mario Borg u mużika tal-Mro. Alfred Arnold.

Kif jidher, issa l-Kor kien beda jikseb fama kbira. Il-Membri tfajliet tal-Kor nsibu li kienu maqsumin f'żewġ kategoriji kbar



u żgħar. Fil-group taż-żgħar nisbu li dawn il-membri Anna Tabone, Luigia Tabone, Marthese Mecieca, Josett Cremona, Marthese Parnis, Anna Cremona, Glorianne Parnis, Valerie Curmi, Phyllis Tabone.
Il-Group tal-Kbar nsibu lil Maria Schembri,
Gorgina Tabone, Josette Mercieca, Gina Xuereb, Sylvana Mercieca, Joany Parnis, Georgette Parnis, Liliana Tabone, Josette Attard, Ġuża Vella, Marlene Parnis, Maria Taboneu Mariosa Xuereb. Nhar il-Milied filgħaxija, imbagħad il-Kor kien mistieden biex jerġa' jagħmel il-Pageant bibbliku għand is-Sorijiet Dumnikani fil-Belt Vittorja.

**Matul is-sena 1974**

Fl-1 ta' Jannar 1974, il-Kor "Stella Maris" tax-Xlendi fit-3.00pm kien mill-ġdid mistieden biex jagħmel il-pageant tal-Milied fis-Sala taċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar. F'din l-Okkażżjoni l-Kor tagħna kien qed jieħu sehem fil-Ftuħ uffiċċjali tas-Sala ta' dan iċ-Ċentru. Hekk insibu fil-Kronaka tal-Knisja tax-Xlendi u dan jurina kemm tassew l-isem tal-kor "Stella Maris" wara ħames snin mit-twaqqif tiegħu beda jissemma mal-Gżira ta' Tlett Għoljiet.
Kien it-2 ta' Jannar 1974 li l-Kor ħa sehem f'Jum il-Premjazzjoni tal-Piccolo Clero tal-Parroċċa ta' Kerċem. Fl-aħħar taċ-ċerimonja s-Surmast is-Sem. John Cremona f'isem il-Kor ġie rregalat b'żewġ kotba tal-kant mid-Direttur tal-Abbatini ta' Kerċem, is-Sem. Carmelo Borg.
Il-Kor Stella Maris, kien ukoll mistieden kemm il-darba biex jieħu sehem f'tiġijiet f'diversi parroċċi u knejjes f'Għawdex. Għalihom, membri tal-Kor, nafu wkoll l-indafa li fija hi miżmuma l-Knisja tagħna tax-Xlendi. Minn żmien għal żmien arahom jitqassmu fi gruppi min jaħsel, min ifarfar, min jirranġa l-ward u tant bżonnijiet oħra li huma meħtieġa biex iddar t'Alla tinżamm fi stat dekoruż.
Is-Sajf 1974 għal Kor Stella Maris, jibqa' msemmi fl-istora. Minbarra s-sehem li ħadu fil-festi żgħar li jsiru fil-knisja tagħ na, il-Kor ħa sehem fil-Funzjoni solenni tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja tax-Xlendi. F'dawn il-Festi storiċi, l-Kor organizza serata marjana; u f'din l-okkażżjoni l-membri tal-Kor kienu dehru fil-Pubbliku bl-uniformi tas-Sajf li tfasslet minn Miss Liliana Tabone, membru tal-kor tagħna.
Fil-ġranet tat-tridu, il-Kor ħa sehem fil-kant waqt il-funzjonijiet, filwaqt li f'Jum il-Festa Titulari kanta il-Kor tal-Patrijiet Agostinjani tar-Rabat Għawdex taħt id-direzzjoni ta' Patri Bernard Coppini O.S.A.
Wara t-taħbit tal-Festa Titulari, bħala ġest ta' apprezzament għall-ħidma tagħhom, il-Kappillan Dun Ġużepp Curmi, fi tmiem is-Sajf għamel diskors ta' ringrazzjament u offra rigal ċkejken lil kull membru tal-Kor.
Fil-Lejl tal-Milied 1974, il-Kor Stella Maris organizza pageant miktub minn Dun Salv Borg, bl-isem ta' "Iċ-Ċkejken Iltim". Imbagħad fid-29 ta' Diċembru ħa sehem f'Serata tal-Milied fiċ-Ċentru Parrokkjali tal-Munxar. L-Għada 30 ta' Diċembru, l-Kor Stella Maris, reġa għamel il-pageant tal-Milied fis-Sala tal-Oratorju Don Bosco fir-Rabat, Għawdex.

## X'QED ISIR BĦALISSA FIL-KNISJA TAX-XLENDI
## APPELL GĦALL-GĦAJNUNA

### It-Turris Eucharistica

Xi ħames snin ilu għamilna opra ġdida li sebbħet l-intern tal-Knisja. Il-Prospettiva tal-Artal Maġġur u t-Turris Eucharistika tal-Irħam. Qed inkomplu niġbru biex nħallsu s-somma ta' 1200 Euro li baqalna u hekk din l-opra tkun tħallset kollha. Ħdejn in-niċċa tal-Karmnu hemm chart b'ħafna squares. Kull square tiswa 5 Euro. Minn jagħti din l-offerta ismu jinkiteb f'waħda minn dawn l-isquares. Hekk tkunu tgħinuna nkomplu niġbru għat-Turris Eucharistica.

### Induratura tal-Gandlieri tal-Artal Maġġur

Sentejn ilu għamilna sett ta' tnax il-gandlier tal-Bronż għall-Artal Maġġur biex jintremaw fil-jiem tal-Festa Titulari. Dawn il-gandlieri issa ser jiġu ndurati bil-fidda mid-ditta LAGA. Kull wieħed jiswa 350 Euro. Qed nappellaw biex insibu benefatturi li jogħġobhom iħallsu xi wieħ ed minnhom.

### L-ISTATWI TA' Sant' Anjeże u Sant Orsla

Qed jiġu restawrati, miżbugħin u ndurati minn Mr. James Azzopardi. Kull statwa ser tiswa 300 Euro. Int li qed taqra titħajjar tħallas waħda minnhom?
Filwaqt li napprezzaw kull donazzjoni li tistgħu tibgħatulna għal dak li qed isir bħalissa fil-Knisja tax-Xlendi, nirringrazzjawkom bil-quddiem.